MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 16/1995/2

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 27 ta' Marzu, 2003 .**

**Citazzjoni numru : 16/1995 G1(PC)**

L-avukat Dottor Mario Scerri ghan-nom u in rapprezentanza ta' New York Co. Ltd. kif debitament awtorizzat b'rizoluzzjoni tal-11 ta' Ottubru, 1994, u b'nota tal-14 ta' Gunju, 1997, Alfred Camilleri assuma l-atti tal-kawza minflok Dr. Mario Xerri .

vs

Emanuel Galea u ghal kull interess li jista' jkollha martu Mary Galea .

Il-Qorti ,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine, wara li ppremetta :

Illi l-konvenut Emanuel Galea huwa debitur lejn is-socjeta' attrici versu s-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin lira maltin (Lm255) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' magna lilu mibjugha u kkonsenjata ;

Illi l-konvenut minkejja li gie debitament interpellat diversi drabi sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-imsemmi bilanc kemm permezz ta' statements regolari u anke permezz ta' ittra legali, huwa baqa' inadempjenti ;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u dan jikkonfermah bil-gurament l-attur nomine u fil-fehma tieghu l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni valida x'jaghti la fid-dritt u lanqas fil-fatt in kontestazzjoni tat-talbiet attrici ;

Ghaldaqstant l-attur nomine jipprevalixxi ruhu mill-procedura stabbilita bl-Artikoli 167-170 tal-Kodici Ta' Organizazzjoni u Procedura Civili stante illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-ezercizzju tal-procediment sommarju specjali .

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Taqta' u tiddeciedi t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh normali tal-kawza skond il-procedura stabbilita bl-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12 ;

2. Tiddikjara lis-socjeta' attrici kreditrici tal-konvenut Emanuel Galea fis-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin lira maltin (Lm255) ;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici l-imsemmi bilanc ta’ Lm255 bl-imghaxijiet skond il-ligi mit-3 ta’ Novembru 1993 sal-effettiv pagament .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrka .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur nomine minnu mahlufa .

Rat l-affidavit ta’ l-istess attur nomine .

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Marzu 1995 fejn awtorizzat lill-konvenuti jipprezentaw in-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom .

Rat in-nota ta’ l-Eccezzonijiet ta’ l-istess konvenuti li biha eccepew :

1. Illi l-konvenut qeghdin jikkontestaw it-talbiet attrici in kwantu l-ammont minnhom mitlub ma hux dovut fl-interezz tieghu . Dan ghaliex il-partijiet kienu joperaw bejniethom kont kurrenti minhabba in konnessjoni ma negozji frekwenti li kien ikollhom bejniethom u l-attur ma hax in konsiderazzjoni kreditu tal-konvenuti fil-konfront tieghu.

2. Illi inoltre fl-ammont mitlub mill-attur hemm inkluz ukoll xi imghaxijiet; stante li fl-operazzjoni ta’ dan il-kont kurrenti l-partijiet ma kienux jithallsu imghax, dik il-parti mill-ammont mitlub rapprezentanti imghax l-inqas ma hija dovuta .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti taghhom mahlufa minn Emanuel Galea .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti pprezentata fl-14 ta’ Jannar 1999 (a fol. 133) .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-attur qed jitlob minghand il-konvenuti l-hlas tal-bilanc dovut, wara li dawn itterminaw in-negozju ta’ bejniethom minhabba disgwid li nqala’ dwar l-ammont rejalment dovut .

Permezz tan-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri taghhom il-konvenuti eccepew l-inkompetenza ta’ din il-Qorti *ratione valoris* . Din l-eccezzjoni giet intavolata wara li kien ta d-depozizzjoni tieghu l-attur Alfred Camilleri fejn, fuq mistoqsija tal-legali tal-konvenuti, qal illi dawn kellhom jaghtuh mitejn u hamsin lira (LM250) . Meta giet ipprezentata l-kawza prezenti fit-23 ta’ Marzu 1995, il-kompetenza tal-Qrati Inferjuri *ratione valoris* kienet ghadha sa ammonti li ma jeccedux il-mitejn u hamsin lira maltija (Lm250) u allura kieku wiehed kellu joqghod biss fuq din ix-xhieda, l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti kienet tkun wahda valida. Imma jirrizulta mill-istess depozizzjoni li dakinhar l-attur, li kien ghadu kemm assuma l-atti tal-kawza minflok Dottor Mario Scerri nomine ma kellux id-dokumenti rilevanti ghall-kaz f’idejh . Infatti f’seduta sussegwenti huwa kien f’posizzjoni li jindika precizament kemm kien attwalment dovut mill-konvenut, permezz ta’ statement li gie esebit *seduta stante* (Dok. AC. 1 a fol.124) . Minn dan id-dokument jidher illi l-ammont pretiz kien ta’ mitejn u sittin lira maltija (Lm260) . Anke l-ammont indikat fl-istess citazzjoni juri cifra li tissupera l-mitejn u hamsin lira maltija (Lm250) . Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta .

Dwar il-mertu jirrizulta mill-provi prodotti illi l-konvenut Emanuel Galea bhala *mechanic* li jaghmel tiswijiet fl-ingenji, kien miftiehem mad-dirigenti tas-socjeta New York Company Limited ta’ Hal-Qormi, li kienet timporta l-*parts* tal-karozzi, sabiex din tghaddilu diversi *parts* ‘**on consignment**’ u jekk il-konvenut isib il-bejgh taghhom, jibghatilhom il-flus dovuti, wara li jkun naqqas il-*commission* tieghu . Mid-diversi dokumenti esebiti, sew

mill-attur kif ukoll mill-konvenut, jidher illi l-partijiet b'dan il-mod lahqu ghamlu diversi transazzjonijiet bejniethom tant li ghaddew magni sew minghand l-attur ghal ghand il-konvenut, u fejn dan kien jirnexxilu jsib il-bejgh taghhom jibghat il-hlas dovut, inkella jirritornahom lill-attur (ara. Dokti. MS. 1, M.S. 2, M.S. 3 a fol. 29 –31 tal-process; Dok. EG. 1 a fol. 49 u *statement* tas-socjeta' rapprezentata mill-attur 'Dok. AC. 1') .

Gara pero' illi rigward magna partikolari li kienet interessat lil klijent ta' Galea, inqala' l-inkwiet . Dan ghaliex wara li Galea kien lahaq zidilha xi *flange* biex tigi adattata ghall-karozza tieghu, ma setghax iwahhalha fuq l-istess vettura billi kien jonqos is-*self starter*, u l-klijent tieghu, minghajr dan li *starter* kien qed jirrifjuta li jixtri l-magna . Wara diversi xhur jistenna li jasal li *starter*, il-klijent tal-konvenut hassar l-ordni tieghu . Ghalhekk il-konvenut ma kienx baqaghlu l-bejgh ta' din il-magna u rritornaha kif kien jaghmel f'kazijiet simili lill-attur . Imma l-konvenut issa ppretenda li jigi kkumpensat tal-*flange* li kien wahhal inutilment fuq din il-magna . Fid-Dikjarazzjoni tal-Fatti tieghu (a fol. 12) il-konvenut jghid illi dan kellu valur ta' hamsa u erbghin lira maltija (Lm45) . Il-konvent jippretendi wkoll illi ghadha dovuta lilu *commission* ta' hamsin lira maltija (Lm50) fuq il-bejgh ta' l-ahhar magna .

L-attur da parti tieghu ghalkemm accetta li jiehu lura din il-magna, rrifjuta li jikkumpensa lill-konvenut ghal dan il-*flange*, ghax ghalieh ma kien ta' ebda uzu . Minhabba din id-divergenza l-partijiet ma setghux ghalhekk jaghlqu l-kontijiet ta' bejniethom .

Fic-citazzjoni prezenti l-attur qed jitlob il-hlas ta' mitejn hamsa u hamsin lira maltija (Lm255) u l-imghaxijiet relattivi . Fil-kors tas-smiegh tal-kawza gie pprezentat li *statement* datat il-15 ta' Novembru 1996 li juri d-dettalji tat-transazzjonijiet li saru bejn il-kontendenti u li sa l-20 ta' Gunju 1994 il-bilanc dovut mill-konvenut kien ta' mitejn u sittin lira maltija (Lm260; ara dok. AC. 1) . Dan li statement gie wkoll korroborat bid-dokumenti MS. 1, 2 u 3 gia msemmija) . Wiehed irid ghalhekk f'dan l-istadju jara jekk humiex gustifikati l-pretensjonijiet tal-konvenut Galea

illi ghandhom jitnaqqsu l-valur tal-*flange* li wahhal fuq il-magna li giet ritornata u l-*commission* spettanti lilu fuq l-ahhar bejgh . Il-kumplament il-konvenut stess jammetti illi ghadhom dovuti .

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut ghandu ragun jippretendi kumpens ghall-*flange* li wahhal fuq il-magna ritornata lill-attur . Dan ghaliex ma kienitx htija tieghu li l-bejgh taghha sfratta . Anzi kienet il-prokrastinazzjoni ta' l-attur li minkejja li kien dejjem iwieghed li ser jibghat li *starter* ta' l-istess magna,dan baqa' m'ghamlux sakemm il-propost kumpratur tilef l-interess . Minn naha l-ohra ma jidhirliex illi l-konvenut jista' jnaqqas mill-amont mitlub mill-attur xi *commission* li jghid li ghadha dovuta lilu . Mill-istatement esebit jidher illi dawn il-*commissions* kienu jkunu gia tnaqqsu minn qabel, u l-ammont indikati kienu jirriflettu l-prezz li kienu jigu l-magni ghall-konvenut u mhux ghall-klijenti tieghu .

Ghaldaqstant jigi illi l-ammont rejalment dovut huwa ta' mitejn hamsa u hamsin lira maltija (Lm255) - ghax din hija c-cifra indikata fic-citazzjoni u mhux il-mitejn u sittin lira indikati fl-istatement - neqsin il-hamsa u erbghin lira maltija (Lm45) tal-*flange*, li jgibu: mitejn u ghaxar liri maltin (Lm210) .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, pero' ghall-ammont stabilit minn din il-Qorti, tiddikjara lis-socjeta' attrici kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' mitejn u ghaxar liri maltin (Lm210) u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu dan l-ammont bl-imghaxijiet relattivi mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv . Billi fil-fehma taghha din il-kawza setghet tigi facilment tranzatta b'daqsxejn ta' rieda tajba, l-ispejjez ghandhom jigu ssoportati kwantu ghal terz (1/3) mill-attur u zewg terzi (2/3) mill-konvenuti .

--------------------------------TMIEM-------------------------------